**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 56 – IT-TNEJN, 2 TA’ NOVEMBRU 2015 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 55**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello DuPuis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

1.3 Is-Sinjur Joan Farrugia saqsiet min ghandu access ghal-ufficju tal-Kunsill.

**2 Pagamenti Numru 48**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Korrispondenza**

3.1 Ġiet innutata korrispondenza rigward sqaq fi Triq il-Ħuttaf. Il-Kunsill ġie nfurmat li ġiet approvata bozza ġdida għal dan is-sqaq.

3.2 Ġiet innutata proposta biex il-parkeġġ hdejn il-Knisja jsir bil-ħlas u jiġi mgħammar b'makkinarju għal kontroll ta' aċċess. Kien hemm qbil li din il-proposta ma tiġix aċċettata.

3.3 Ġiet innutata li l-garanzija bankarja tal-kuntrattur, Euro Clean, magħżul għal Tender SGLC/T/3/15, Knis u Tindif Żona A ma ġietx imġedda mill-kuntrattur. Għal din ir-raġuni ġie deċiż li minfloku tintgħażel l-offerta ta' Owen Borg peress li hija l-irħas waħda li hija wkoll compliant wara dik tal-Euro Clean. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

3.4 Ġiet innutata Memo 30/2015 Finanzjament tal-Attivitajiet Kulturali 2016. Wara diskussjoni ġie deċiż li ssir applikazzjoni għal Musical bi storja ta' San Ġwann. Kien hemm qbil.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

.

4.1 Ġiet diskussa talba għal tibdil fl-alignment tal-bini fi Triq il-Pellikan kantuniera ma' Triq il-Bies. Kien hemm qbil mal-proposti sakemm l-ispejjeż li hemm bżonn isiru mill-applikant.

4.2 Is-Sindku tkellem fuq il-proġett ta' Ġnien Karin Grech u għandu jagħmel follow-up mal-Perit tal-Ministeru rigward il-progress ta' din l-applikazzjoni.

4.3 Għandha ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill rigward il-proġett taċ-Ċentru għal Kreattività li hemm propost minflok l-uffiċini preżenti tal-Kunsill.

4.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa mal-Engineer rigward il-proposta li jitwaħħlu numru ta' cameras madwar il-lokal. Għandu jsir komunikazzjoni mal-Kunsilli ta' Ħal-Lija u Dingli biex tinġabar informazzjoni fuq l-esperjenza tagħhom fuq cameras installati madwar il-lokal tagħhom.

## 5 Affarjiet Oħra

5.1 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li ttieħdet azzjoni mill-awtoritajiet u l-igombru li kien hemm fejn il-Kappella tal-Propostru qiegħed jiżżarma.

5.1.1 Ippropona wkoll biex tinħareġ tender ġdida tal-latrina peress li din ilha skaduta u m'għandix issir extension oħra peress li jidher li l-proġett ta' Ġnien Karin Grech ser idum biex jibda. Wara diskussjoni ġie deċiż li tintalab direzzjoni mid-DLG.

5.1.2 Tkellem ukoll fuq ix-xogħol ħażin jew in-nuqqas ta' xogħol li qed isir mill-kuntrattur tal-ġonna. Ġie deċiż li jittieħdu ritratti u jintbagħtu default notices għal kull fejn ikun hemm dawn in-nuqqasijiet.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa fis-7.00pm

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-magazine mhux qed ikollu reklami biżżejjed biex jinħarġu 4 edizzjonijiet tal-Ħuġġieġa. Wara diskussjoni, ġie deċiż li ssir laqgħa miegħu u ssir insistenza biex jinħarġu 4 edizzjonijet matul 2016. Ġie deċiż li jekk ikun hemm bżonn, il-Kunsill joħroġ ix-shortfall hu, basta li jinħarġu 4 edizzjoni u l-Kunsill iżomm il-kuntatt mar-resident.

5.2.1 Tkellmet ukoll fuq il-ftuħ tal-gaġġa tal-għasafar li saret fi Triq R Caruana Dingli. Ġie innutat li f'din it-triq ser isir xogħol ta' resurfacing u mhux sew li jkun hemm l-għasafar waqt li jkunu għaddejjin dawn ix-xogħlijiet. Għalhekk ġie deċiż li l-inawgurazzjoni ssir wara li jitlestew dawn ix-xogħlijiet.

5.3 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex issir ir-rampa għall-bżonnijiet speċjali fi Triq il-Ballut. Kien hemm qbil li tintalab l-istima u tinħareġ il-PO.

5.4 Is-Sur Malcolm Abdilla ressaq talba tar-residenti ta' Triq is-Sardinella biex isir Residents Parking. Wara diskussjoni, ġie innutat li TM, bħalissa mhux qed tikkunsidra talbiet bħal dawn.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 30 ta' Novembru 2015 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**